

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Settembru 2016 – PT Pelita Agung Agrindustri vs Il-Kunsill**(Kawża T-121/14) <sup>(1)</sup>**["Dumping — Importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġina mill-Indoneżja — Dazju antidumping definittiv — Artikolu 2(5) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 — Valur normali — Spejjeż tal-produzzjoni"]**

(2016/C 392/30)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet****Rikorrenti:** PT Pelita Agung Agrindustri (Medan, l-Indoneżja) (rappreżentanti: F. Graafsma u J. Cornelis, avukati)**Konvenut:** Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment S. Boelaert, sussegwentement H. Marcos Fraile, aġenti, assistiti minn R. Bierwagen u C. Hipp, avukati)**Intervenjenti insostenn tal-konvenut:** Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J.-F. Brakeland, M. França u A. Stobiecka-Kuik, aġenti) u European Biodiesel Board (EBB)(Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: O. Prost u M.-S. Dibling, avukati)**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1194/2013, tad-19 ta' Novembru 2013, li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor definittivament id-dazju provviżorju impost fuq importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Arġentina u l-Indoneżja (ĠU 2013, L 315, p. 2), sa fejn jimponi dazju antidumping fuq ir-rikorrenti.

**Dispożittiv**

- 1) L-Artikoli 1 u 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1194/2013, tad-19 ta' Novembru 2013, li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor definittivament id-dazju provviżorju impost fuq importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Arġentina u l-Indoneżja, huma annullati sa fejn dawn jikkonċernaw lil PT Pelita Agung Agrindustri.
- 2) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti minn PT Pelita Agung Agrindustri.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea u l-European Biodiesel Board (EBB) għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

<sup>(1)</sup> ĠU C 112, 14.4.2014.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Settembru 2016 – L-Italja vs Il-Kummissjoni**(Kawżi T-353/14 u T-17/15) <sup>(1)</sup>**["Sistema lingwistika — Avviż ta' kompetizzjonijiet ġenerali għar-reklutaġġ ta' amministraturi — Għażla tat-tieni lingwa fost tliet lingwi — Regolament Nru 1 — Artikolu 1d(1), Artikolu 27 u Artikolu 28(f) tar-Regolamenti tal-Persunal — Prinċipju ta' nondiskriminazzjoni — Proporzjonalità"]**

(2016/C 392/31)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet****Rikorrenti:** Ir-Repubblika Taljana (rappreżentanti: G. Palmieri, aġent, assistit minn P. Ġentili, avvocato dello Stato)**Konvenuta:** Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment J. Currall u G. Gattinara (Kawżi T-353/14 u T-17/15) u F. Simonetti (Kawża T-17/15), sussegwentement G. Gattinara u F. Simonetti, aġenti)